# MARL

# Fuljett maħruġ mill-MARL

# Għad-Dilettanti tar-Radju

# Maltin u Għawdxin

## Numru 6

## Frar 2006

# Fiċ-Ċentru mhux







# permess tipjip

## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett u l-ewwel waħda għall-2006.

Il-laqgħa ta' kull sena li ssir biex il-membri jiltaqgħu flimkien għal festin żgħir ma' tul żmien il-festi saret nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar.

Għalkemm xtaqt li nkun preżenti, kelli affarijiet oħra li minħabba fihom ma stajtx niġi, għalkemm għaddejt saċ-Ċentru meta kienu se jagħlqu. Nittama li kulħadd jibda jiġi saċ-Ċentru aktar sikwit bħal ma ġie għal dan il-festin.

Kif stajtu taraw il-Kumitat qiegħed jagħmel kull ma jista' biex jagħmel iċ-Ċentru aħjar biex ikun jista' jitgawda mill-membri.

Għalhekk huwa mportanti mhux biss li l-membri jħallsu l-miżata tagħhom, imma li anki jkunu fiċ-Ċentru u jagħmlu użu kemm miċ-Ċentru kif ukoll mill-apparat li għandna.

Aktar ma jiġu l-membri aktar il-Kumitat ikun imħeġġeġ biex jaħdem għalihom u għall-għanijiet ta' l-Għaqda tagħna.

### Periklu Ġdid

Fl-ewwel ħarġa ta' dan il-fuljett konna wissejnikom dwar periklu ġdid li kien inħoloq għad-dilettanti tar-radju minħabba sistema ġdida ta' l-internet.

Kif tafu, konna għidnilkom li kien hemm żviluppi fuq kif l-internet jitwassal fid-djar. Wieħed minn dawn il-metodi huwa l-użu tal-cables ta' l-elettriku.

Fi ftit kliem, is-servizz ta' l-internet lejn u mid-djar juża frekwenzi tar-radju bejn inqas minn 2Mhz sa xi 80Mhz li jiġu mibgħuta fuq il-fili ta' l-elettriku minflok il-fili tat-telefon.

Kif jista' jifhem kull min għandu l-iċken idea tar-radju, din is-sistema tikkawża interferenza kbira lis-servizzi kollha fuq il-frekwenzi kollha li jintużaw mis-sistema, fosthom fuq frekwenzi tad-dilettanti tar-radju.

L-interessi kummerċjali f'dan il-metodu ma jinteressahomx mill-interferenza li jikkawżaw lil ħaddieħor, u jidher li f'ċerti pajjiżi bħall-Istati Magħquda ta' l-Amerika u issa anki f'pajjiżi Ewropej hemm min qiegħed jimbotta biex jiddaħħlu dawn is-sistemi.

Fejn iddaħħlu fl-Amerika ħolqu interferenza kbira minkejja li suppost li l-frekwenzi tad-dilettanti tar-radju ppruvaw jaqtgħuhom mis-sistema.

Minkejja li l-provi li saru anki fil-pajjiżi Ewropej ikkawżaw interferenza enormi, issa jidher li l-interessi kummerċjali waslu anki sal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, fejn iridu jagħmlu emendi fid-Direttiva dwar il-kompatibilita' elettromanjetika biex jitħallew isiru dawn il-metodi ta' l-internet.

Diġa' kien hemm oppożizzjoni kbira għal dawn il-metodi u anki għall-provi li kienu qed isiru minħabba l-interferenza li għamlu, imma jidher li l-interessi kummerċjali komplew.

Dawn qed iħassbu bil-kbir għaqdiet tad-dilettanti tar-radju Ewropej, tant li għandna ittra fejn intlabna mis-segretarju tal-Kumitat ta' l-Interferenza ta' l-RSGB biex nagħmlu appell li ssibu aktar l-isfel.

Infakkrukom li jekk tinbidel id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropa tkun effettiva wkoll hawn Malta, u jista' jkun hemm min joħlom biex idaħħal xi sistema bħal din.

Tinsewx li diġa' kien hemm min wera li jaqbel magħha għax qal li jrid ikun hemm aktar nies li jkollhom sistema ta' internet ta' aktar ħeffa, għalkemm ġie muri li din mhux tassew għandna l-ħeffa li jgħidu li għandha min iridha barra l-interferenza li tikkawża.

Barra minn hekk, nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar 2006, deher artiklu dwar servizzi fosthom l-internet.

Dan l-artiklu kkwota rapport mill-Awtorita' tal-Komunikazzjoni intqal li l-Enemalta wriet interess li tuża l-linji ta' l-elettriku biex twassal l-internet u taqra l-meters ta' l-elettriku awtomatikament.

Din mhux l-ewwel darba li dehru artikli bħal dawn fil-medja lokali, inkluża t-Times of Malta, li kopja tagħhom tinsab fiċ-Ċentru.

Dan l-artiklu deher f'The Malta Independent u jista' jitniżżel minn fuq http://217.145.4.56/ind/news2.asp?artid=26808

Jekk tiddaħħal din is-sistema hawn Malta jkun ifisser tmiem id-delizzju tagħna d-dilettanti tar-radju.

Huwa ċar daqs il-kristall li kull min jista' jgħin għandu jagħmel ħiltu kollha biex ngħinu għaqdiet barranin tad-dilettanti tar-radju kif ukoll niġbru kull informazzjoni dwarha ħalli nkunu ppreparati kontriha.

Fiċ-Ċentru għandna xi provi dwar l-interferenza li din is-sistema tikkawża, fosthom dawk irrekordjati mill-BBC u oħrajn, kif ukoll dokumenti oħra.

Min irid jista' jiġi u jisma kif sinjali ta' stazzjonijiet li jużaw mijiet ta' kilowatts jekk mhux megawatts, jiġu litteralment imqatta bl-interferenza ta' din is-sistema. Tistgħu taħsbu x'tagħmel lis-sinjali tad-dilettanti tar-radju.

Jekk tidħlu fuq il-paġni ta' l-internet tal-RSGB, l-ARRL, u għaqdiet oħra ssibu paġni b'ħafna informazzjoni dwar il-problemi maħluqa minn din is-sistema.

Infurmaw ruħkom sewwa u lestu ħalli jekk ikun hemm bżonn nibgħatu anki e-mails lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li ma rridux li tiddaħħal din is-sistema jew isir il-bdil propost fid-Direttiva.

Kunu għal-lest.

Lawrence
9H1AV / 9H9MHR

## L-Appell ta' l-RSGB

Qiegħed dejjem jiżdied it-theddid għad-Dinja tad-Dilettanti tar-Radju bi ħruġ ta' emissjonijiet minn sistemi ta' PLT u affarijiet tad-djar li jitwaħħlu. Ma hemmx kejl ta' emissjonijiet xierqa; dawn qed jiġu formulati ISSA.

***Bħala eżempju tal-perikli li għandna – pajjiżkom għadu kif ivvota IVA mingħajr kumment għal Kejl Ewropew fuq Emissjonijiet fuq il-Fili Elettriċi. Il-Pajjiżi Ewropej l-oħra kollha ivvutaw LE – imma huma jiffurmaw biss minorita' tal-komunita'.***

***L-isforzi tagħna flimkien jistgħu ma jħallux dan jiġri, u jiżguraw li l-kejl ikun xieraq għall-ħtiġijiet ta' dawk li jużaw ir-radju.***

Jekk inti involut attivament f'xogħol ta' Kejl, jew fl-applikazzjoni u l-inforzar tad-Direttiva Ewropea EMC, aħna neħtieġu l-għajnuna tiegħek. Anki jekk inti taf lil xi ħadd f'dan il-qasam aħna nixtiequ nisimgħu mingħandkom.

Dan huwa xogħol volontarju; ma jiswik xejn għajr ħinek. Aħna nipprovdu nformazzjoni teknika. Dan madankollu, jgħin biex iħares l-Ispektrum tar-Radju għas-snin li ġejjin.

Jekk jogħġbok ibgħat e-mail fejn turi l-interess tiegħek u l-kuntatti lil John Pink G8MM, Secretary for the RSGB EMC Committee via rsgb.emc@rsgb.org.uk.

**Kumment**

Naħseb li kull min għandu xi kuntatt ma' xi Membru Parlamentari u xi Membru Parlamentari Ewropew għandu jqajjem dan is-suġġet magħhom.

Għandna nuruhom li aħna ma naqblux mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea u nuru bl-informazzjoni miksuba minn pajjiżi oħra l-interferenza u l-ħsara lid-dilettanti tar-radju u anki professjonisti li ssir jekk jiddaħħlu sistemi bħal dawn u jekk isir it-tibdil li trid tagħmel il-Kummissjoni Ewropea.

Għandna nuru wkoll id-disapprovazzjoni tagħna dwar kif pajjiżna ivvota favur il-bdil fid-Direttiva li trid tagħmel il-Kummissjoni Ewropea meta pajjiżi oħra li għandhom aktar kapaċitajiet, studji u nformazzjoni vvotaw kontra.

**Tinsewx li l-futur tad-delizzju tagħna huwa mhedded mit-tibdil li trid tagħmel il-Kummissjoni Ewropea.**

### Vaganzi bir Radju Tiegħek

Dilettanti tar-radju sikwit huma mħajjra li jieħdu r-radju magħhom u jaħdmu meta jsiefru. Dan jeħtieġ xi ppjanar u dawn huma ftit pariri prattiċi li jistgħu jkunu siewja.

- Kun ċert li kull min ikun ġej miegħek fuq il-vjaġġ ikun jaf dwar il-proġett tiegħek u jkun jaqbel.
- Iċċekkja r-regolamenti fil-pajjiż(i) fejn sejjer u applika lill-awtoritajiet fi żmien biżżejjed jekk ikollok ħtieġa ta' liċenzja tal-viżitaturi. (ara l-informazzjoni taħt)
- Iddeċiedi jekk intix se tieħu l-apparat miegħek jew jekk tistax tikrih meta tasal. Xi dilettanti tar-radju jikru djar tal-vaganzi kompluti bir-radju.
- Biex tieħu l-apparat miegħek (inklużi l-antenni) jeħtieġ li tiċċekkja mar-regolamenti tad-dwana. Għalkemm illum aktar faċli, jiddependi fuq il-pajjiż, inti xorta tista' tkun teħtieġ ċerti dokumenti, biex tiskansa li tħallas (tieħdu lura?) depożitu meta inti trid tieħu l-apparat lura miegħek. Kun ippreparat għal eżamijiet bir-reqqa ta' sigurta' (kemm fuq valiġġi ta' l-idejn u kemm dawk li jmorru fl-istiva) fl-ajruporti, kif ukoll tiftix dettaljat fuq il-fruntieri.
- Tinsiex tiċċekkja l-assigurazzjoni. Apparat elettroniku normalment mhuwiex kopert bl-assigurazzjoni ta' l-ivvjaġġar.

Inti tista' tikkuntattja lill-għaqda tad-dilettanti tar-radju tal-pajjiż fejn sejjer għall-parir, imma l-esperjenza tiegħi turi li dawn aktarx ma jkunux jafu r-regolamenti kurrenti biex operaturi barranin ikunu jistgħu jaħdmu u aktarx sempliċiment jirreferuk għall-uffiċċji amministrattivi tal-gvern.

Biex tiżgura li ma tantx taħli ħin fuq hekk, Jiena slitt l-aħħar informazzjoni mill-paġna ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew tal-Komunikazzjoni bir-Radju:

### Rakkomandazzjoni CEPT 61-02 HAREC

Skond is-CEPT (Konferenza Ewropea ta' l-Amministrazzjonijiet tal-Posta u Telekomunikazzjoni), is-sena l-oħra Malta implimentat ir-rakkomandazzjoni 61-02, u qalet li l-liċenzji Maltin Klassi A u Klassi B huma ekwivalenti għall-HAREC (Ċertifikat tad-Dilettanti tar-Radju Armonizzat).

Dan ifisser li għad-dilettanti tar-radju Maltin mhux meħtieġ xi eżami tekniku ieħor għal-liċenzja meta jżuru jew joqgħodu f'pajjiżi li jagħrfu l-HAREC tas-CEPT.

Dan ifisser l-Ewopa kollha kif ukoll Israel u Żelanda l-Ġdida.

**Rakkomandazzjoni CEPT 61-01 Liċenzja tad-Dilettanti tar-Radju CEPT**

Malta nfurmat lis-CEPT is-sena l-oħra li huma (kif ukoll 10 membri oħra tas-CEPT) kienu għadhom ma daħħlux fis-seħħ liġi lokali skond rakkomandazzjoni 61-01.

**B'hekk, kull visitatur f'Malta jrid jikseb liċenzja ta' viżitatur.**

Madankollu, Maltin li għandhom liċenzja jistgħu jużaw in-nominattiv tagħhom skond il-Klassi A jew Klassi B, u qabel jagħmlu l-prefixx tal-pajjiż li jkunu qed iżuru, f'dawk il-pajjiżi (kemm tas-CEPT u kemm le) li jkunu daħħlu liġi skond 61-01. Lista sħiħa ta' prefissi skond pajjiżi/reġjuni (kif kienet f'Sett. 2005) tinsab fuq il-paġna ta' l-internet www.ero.dk

Dawk il-11 il-pajjiż CEPT li għadhom **MA DAĦĦLUX** 61-01 huma:

Albanija, Andorra, Ażerbajġan, Belarus, Malta, Moldova, Russja, San Marino, Serbia u Montenegro, Maċedonia u l-Vatikan.

Dilettanti tar-radju Maltin f'dawn il-pajjiżi jridu jiksbu nominattiv lokali mill-amministrazzjoni.

Pajjiżi mhux-CEPT li **DAĦĦLU** 61-01 huma:

Kanada, Israel, Netherland Antilles Olandiżi, Zelanda Ġdida, Peru, Afrika tan-Nofs in-Nhar u USA.

B'hekk dilettanti tar-radju Maltin jistgħu jżuru dawn il-pajjiżi u jużaw in-nominattiv tagħhom bil-prefiss korrett. Eż. W6/9Hxxx meta jkun Kalifornia.

Robin
9H1ZZ.

## Aħbarijiet

Għandkom tkunu tafu li s-segretarju kien kiteb lill-Awtorita` tal-Komunikazzjoni dwar it-talbiet tagħna għal xi frekwenzi.

Jiddispjaċina li t-tweġiba li tatna l-Awtorita` fil-25 ta' Ottubru 2005 ma tantx kienet tajba, u d-dilettanti tar-radju Maltin ma jistgħux ikunu fuq quddiem fuq l-iżviluppi internazzjonali.

## 136 khz

Dwar din il-frekwenza, it-tweġiba kienet li din hija frekwenza ġdida li se tiġi mitħaddta fil-Konferenza Dinjija tar-Radju fl-2007.

Intqal ukoll li din il-frekwenza qiegħda tintuża minn applikazzjonijiet oħra.

Dawn l-affarijiet kollha konna nafuhom, bħal ma nafu li anki f'pajjiżi oħra hemm l-istess sitwazzjoni.

Madankollu, xorta waħda hemm ħafna pajjiżi fejn id-dilettanti tar-radju ingħataw din il-frekwenza għax għandhom awtoritajiet li ma jibżgħux jieħdu inizjattiva u jerfgħu r-risponsabbilta' tagħhom.

Ma nafx jekk l-awtoritajiet Maltin jafux, imma fil-fatt, il-Grupp ta' "l-Immaniġġar tal-Frekwenzi" (WG FM) CEPT kien, fl-1997, irrakkomanda li d-dilettanti tar-radju jingħataw allokazzjoni fuq dil-frekwenza.

Ir-Rakkomandazzjoni hija CEPT/ERC Rakkommandazzjoni 62-01 E (Mainz 1997) u dan li ġej huwa t-test tagħha.

**Rakkomandazzjoni CEPT/ERC 62-01 E (Mainz 1997)**

**L-UŻU TAL-FREKWENZI BEJN 135.7-137.8 kHz MIS-SERVIZZ TAD-DILETTANTI.**

*Rakkomandazzjoni addottata mill-grupp ta' l-"Immaniġġar tal-Frekwenzi" (WG FM):*

Il-Konferenza ta' l-Amministrazzjonijiet tal-Posta u Telekomunikazzjoni (CEPT),

***Iqisu***

a) li s-servizz tad-Dilettanti huwa servizz skond ir-Regolamenti tar-Radju ta' l-ITU għall-għan ta' taħriġ tagħhom, interkomunikazzjoni u investigazzjonijiet tekniċi magħmula mid-dilettanti;
b) li d-dilettanti tar-radju jagħmlu esperimenti fil-propagazzjoni tal-mewġ tar-radju u komunikazzjoni tar-radju fuq bażi regolari;
c) li l-Frekwenzi Baxxi (FB) huma ta' nteress partikolari għal investigazzjoni ta' fenomena li ftit għadha magħrufa;
d) li ebda allokazzjonijiet madwar l-Ewropa ma ġew magħmula lis-Servizz tad-Dilettanti għal dan il-għan fuq il-FB;[1]
e) li fir-Reġjun 1 ta' l-ITU il-frekwenzi 130-148.5 kHz huma allokati lis-Servizz Mobbli tal-Baħar u Servizzi Fissi fuq bażi primarja;
f) li b'mod ġenerali operaturi fis-Servizz tad-Dilettanti huma mdorrija li jaqsmu frekwenzi ma servizzi oħra li għandhom kategorija aktar għolja fl-allokazzjonijijiet tal-frekwenzi;
g) li r-Rapport ERC 25 li fih it-Tabella Ewropea ta' l-Allokazzjonijiet tal-Frekwenzi u l-Użu għadu ma jinkludix frekwenzi FB,

***jirrakkomandaw***
**li l-frekwenzi 135.7-137.8 kHz jistgħu jintużaw b'massimu ta' e.r.p. ta' 1 Watt fuq bażi sekondarja mis-Servizz tad-Dilettanti f'pajjiżi CEPT.**

[1] Frekwenzi Baxxi

Aktar minn hekk, dan kien ukoll is-suġġett ta' Rapport mill-Laqgħa 40 tal-WGFM (Korfu) 24 – 28 Settembru **2001**, li kellu l-istorja fil-qosor dwar din l-allokazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha.

Intqal li l-Finlandja kienet l-ewwel pajjiż li ta allokazzjoni lid-dilettanti tar-radju f'April 1997 u warajh minn, dak iż-żmien, 13-il pajjiż CEPT ieħor. S'issa, ħafna pajjiżi oħra għamlu allokazzjoni għad-dilettantui tar-radju tagħhom.

Għalhekk sejrin nagħtu kopja ta' din ir-Rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet Maltin forsi l-affarijiet jibdew jiċċaqilqu, għalkemm għandi d-dubji tiegħi. Malta hija membru tas-CEPT.

Il-paġna tas-CEPT http://www.cept.org minn fejn tkunu tistgħu tmorru f'paġni oħra.

Il-paġna ta' l-ERO (European Radiocommunications Office) li huwa parti mis-CEPT li għandu x'jaqsam mat-telekomunikazzjoni minn fejn tistgħu tnizzlu r-rakkomandazzjoni hija http://www.ero.dk/documentation/docs/doc98/official/pdf/REC6201E.PDF

Dwar is-saħħa limitata għal 1W erp, irridu niftakru li l-antenni wżatu mid-dilettanti tar-radju bil-kemm huma effiċjenti aktar minn mill-inqas – 40db meta tqis tul ta' mewġa ta' 2.2km.

Dan ifisser li jekk nieħdu livell ta' – 40db bħala medju, li f'Malta huwa diffiċli li jintlaħaq meta tqis l-ispazju meħtieġ anki għall-antenni biex jintlaħaq dan il-livell u limitazzjonijiet ta' l-earth, trasmettitur ta' 10KW ikun meħtieġ biex nipproduċu 1W erp.

Huwa ċar li aħna ma nkunux nistgħu nużaw dan il-livell ta' saħħa meta nittamaw li ningħataw allokazzjoni, imma saru kuntatti ta' eluf ta' mili bl-użu ta' programmi tal-kompjuter li huma b'xejn.

Bħala bidu biex tinteressaw ruħkom u għaliex dawn il-programmi jistgħu jintużaw ukoll fuq frekwenzi oħra, il-ħolqa li ġejja http://www.weaksignals.com teħodkom fuq paġna ta' l-internet ta' Alberto, I2PHD fejn dawn jistgħu jitniżżlu b'xejn kortesija ta' Alberto.

Kuntatti normali bis-ċw saru wkoll fuq mijiet ta' mili. Dawn kollha huma kisbiet kbar meta jitqies il-livell baxx ta' erp użat.

## 500 khz
## (495Khz – 517Khz)

It-tweġiba għal din il-frekwenza kienet li din hija allokata internazzjonaliment għall-għajjut u sejħien mis-servizz mobbli.

Fi kliem ieħor, minn bastimenti biex isejħu u jekk ikollhom ħtieġa ta' għajnuna. L-Awtorita` kompliet tgħid li sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni internazzjonali din il-frekwenza li tista' tingħata lid-dilettanti tar-radju u lanqas għal xi servizz ieħor.

Jidher li l-Awtorita` tal-Komunikazzjoni ma tafx li din il-frekwenza m'għadhiex tintuża għal dawn l-għanijiet għaliex is-servizz bil-kodiċi Morse m'għadux jintuża mill-bastimenti.

Fil-fatt, diġa` ġbidnilkom l-attenzjoni li fl-Istati Magħquda ta' Amerika diġa' nħarġu liċenzji biex dilettanti tar-radju jkunu jistgħu jikkomunikaw fuqha, u qed jistennew tweġiba biex jaraw jekk kienx hemm xi oppożizzjoni.

Konna għidnilkom ukoll li anki f'pajjiżi oħra kellhom isiru talbiet oħra mid-dilettanti tar-radju biex anki huma jkunu jistgħu jaħdmu hawnhekk.

## 5Mhz

L-istess ingħad dwar din il-frekwenza, fejn intqal li din hija wżata minn diversi applikazzjonijiet u li jekk il-Konferenza Dinjija tar-Radju fl-2007 tagħti spektrum lid-dilettanti tar-radju fuq din il-frekwenza, huma jagħtuha kunsiderazzjoni xierqa.

Aħna konna ġbidnilkom l-attenzjoni li dilettanti tar-radju barranin minn pajjiżi differenti kienu ingħataw frekwenzi f'dan l-ispektrum.

Madankollu, jidher li biex isir xi ħaġa hawn Malta jrid mhux biss jiġi d-dubbien l-abjad, imma jkollna nvażjoni ta' dubbien abjad.

## 7Mhz

Is-segretarju kien kiteb ukoll biex ningħataw il-frekwenza bejn is-7Mhz u 7.3Mhz.

It-tweġiba ta' l-Awtorita` tal-Komunikazzjoni kienet li bejn is-7Mhz u 7.1Mhz huwa għad-dilettanti tar-radju u s-satelliti, bejn is-7.1Mhz u 7.2Mhz għad-dilettanti tar-radju, waqt li bejn is-7.2Mhz u 7.3Mhz huwa allokat għax-xandir.

Intqal li madankollu, jekk il-Konferenza Dinjija tar-Radju ta' l-2007 tiddeċiedi li tkabbar l-allokazzjoni għad-dilettanti tar-radju sa' 7.3Mhz, dik l-aġenzija tagħti l-kwistjoni kunsiderazzjoni meħtieġa.

Jidher li l-Awtorita` ma jafux li din diġa' ġiet allokata għad-dilettanti tar-radju flimkien ma' servizzji mobbli jiġifieri mhux esklussivament għad-dilettanti tar-radju bħal ma hemm bejn 7Mhz u 7.1Mhz, u għalissa flimkien max-xandara bejn is-7.1Mhz u 7.2Mhz.

Għalhekk l-Awtorita` m'għandux ikollha diffikulta` biex tagħtina anki din il-frekwenza, imma jidher li se jkollna nistennew mill-inqas sentejn oħra biex forsi nieħduha.

Infakkrukom li mis-sena 2009, ix-xandara jridu jitilqu għal kollox minn bejn is-7.1Mhz u s-7.2Mhz, li b'hekk tiġi esklussivament għad-dilettanti tar-radju.

La qed nitkellmu dwar din il-frekwenza tajjeb li nibdew nużawha għaliex matul il-jum ma jkunx hemm stazzjonijiet tax-xandir ħlief fuq xi żewġ jew tliet frekwenzi u jkunu baxxi ħafna.

Għalhekk għandna nużawha kemm jista' jkun. Jiena diġa` qiegħed nużaha u jekk ikun hemm min juri nteress inkunu nistgħu nagħmlu laqgħa f'jum u ħin miftiehem. Nistennew is-suġġerimenti mingħandkom. Dan jgħodd ukoll għall-frekwenzi l-oħra kollha. Għandna nibdew nużaw kull frekwenza li għandna biex ma jkunx hemm xi ħadd jitħajjar għal xi waħda jew aktar frekwenzi tagħna.

Tinsewx li l-Melita Cable għadha qed tikkawża interferenza kbira fuq il-frekwenza ta' l-R7 minħabba s-sinjali li joħorġu mis-sistema tagħha.

## 70Mhz

Dwar din il-frekwenza, it-tweġiba kienet li din hija mogħtija lil servizzi oħra u għalissa ma tistax tingħata lil servizzi oħra.

Tinsewx li hemm lista' sħiħa ta' pajjiżi oħra, fosthom dawk li kienu taħt l-Unjoni Sovjetika, fejn dilettanti tar-radju ingħataw din il-frekwenza.

Dan ifisser li speċjalment fis-sajf meta l-propagazzjoni fuq il-VHF twassal ħafna, dilettanti tar-radju minn pajjiżi oħra jikkawżaw interferenza lis-servizzi li jużaw din il-frekwenza.

Kif tistgħu taraw, jidher li ħadd fl-Awtorita` ma jrid jerfa' risponsabbilta` li jieħu deċiżjoni jekk ma tkunx ittieħdet xi deċiżjoni internazzjonali.

Għalhekk, billi qiegħdin f'Malta, se jkollna nistennew biex ningħataw dak li dilettanti tar-radju f'pajjiżi oħra ilhom is-snin li ngħataw.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

## Paġni ta' l-Internet

Fid-dinja ma jeżistux biss dilettanti tar-radju rġiel, imma hemm ukoll dilettanti tar-radju nisa.

Dan ma ġarax issa, għaliex sa mill-bidu nett kien hemm nisa li nteressaw ruħhom fid-delizzju u esperimentar bir-radju.

Anki f'Malta għandna dilettanti tar-radju nisa, għalkemm ilna ħafna ma nisimgħu leħinhom. Jagħmlu tajjeb li jidħlu ftit fuq l-arja u jħalluna nisimgħu leħinhom.

Illum se nagħtikom żewġ paġni ta' l-internet li waħda minnhom hija maħsuba għad-dilettanti tar-radju nisa u magħmula minn mara.

Nittama li inthom issibu żmien li tagħtuhom ħarsa u ssibu dak li hemm fihom ta' siwi għalikom.

Din hija minn Jackie Bosworth, M3JTO
http://www.ladiesontheair.proboards37.com/

Il-paġna l-oħra ta' l-internet hija għal dawk li jħobbu ċ-ċwievet tal-kodiċi Morse li għandhom jagħtu titwila fuq din il-paġna fejn għandhom isibu ħafna dettalji u ritratti taċ-ċwievet tal-kodiċi Morse.
http://www.telegraph-office.com/tel_off-page.html

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

## Għaqdiet tad-Dilettanti tar-Radju Barranin

Illum se nkomplu nagħtukom il-lista ta' għaqdiet tad-dilettanti tar-radju barranin li qiegħdin f'Reġjun 1. Nittamaw li dawn qiegħdin issibuhom siewja.

MRSF MONGOLIAN RADIO SPORTS FEDERATION
P.O.Box 639, Ulaanbaatar 13, Mongolja.
Telephone: +976 1 320058
Fax: +976 11 325 412
E-mail: mrsf@mongol.net
President: O Shaaluu
Segretarju Ġenerali: N.Khosbayar, JT1CD

NARG NATIONAL ASSOCIATION OF RADIOAMATEURS OF GEORGIA
Agmashenebeli Ave 70, Tbilisi, Georgia
Telephone: +995 32 951 591
E-mail: 4l2m@rambler.ru
President: Mamuka Kordzakhia, 4L2M

NARL NAMIBIAN AMATEUR RADIO LEAGUE,
P.O.Box 1100, Windhoek, Namibia.
President: Solly Nieman, V51SN
Segretarju: David Robertson, V51DR
Telephone: +264 61 255736
E-mail: DJR@unam.na
IARU liaison: Segretarju

NARS NIGERIA AMATEUR RADIO SOCIETY
Lokazzjoni: Plot 428 Oka Akoko Close, Garki 2, Nigeria
PO Box 7502 Wuse 3, Abuja, FCT, Niġerja
Korrespondenza: P.O.Box 2873, GPO Marina, Lagos, Nigeria
Indirizz QSL: PO Box 2873, ILORIN, Kwara State, Nigeria
Tel: +234 (09) 2349327, +234 (064) 314970 (HQ)
Tel: +234 (08) 04 326 0669 (5N0OBA)
Fax: +234 (09) 234 9327, 234 (064)314970
E-mail: oyekiunle.ajayi@ties.itu.ch (5N0OBA)
tunaumb@hotmail.com (5N0MBT)
President: Muhammadu Bello Tunau, 5N0MBT
Segretarju: Oyekunle B Ajayi, 5N0OBA
IARU liaison: Segretarju

NRRL NORSK RADIO RELAE LIGA
P.O. Box 20, Haugenstua, N-0915 Oslo, Norveġja.
Telephone: +47 22 21 37 90
Fax: +47 22 21 37 91
E-mail: nrrl@nrrl.no
Paġna: http://www.nrrl.no
President: Thorleif Andersen, LA3JT
Viċi-President: Sindre Torp, LA6OP
Segretarju: Jan Almedal, LA9HW
IARU liaison: Anders Torp, LA9NT, Grønnlivn 12, N-3474, Åros, Norveġja
Tel: +47 31 28 61 40 andetorp@online.no
Deputat: Ole Garpestad, LA2RR, Brages vei 14, N-1540, Vestby, Norveġja
Tel: +47 64 95 18 26 la2rr@onganizer.net

OEVSV OSTERREICHISCHER VERSUCHSSENDERVERBAND
A-1060 Wien, Eisvogelgasse 4/1,
Telephone: +43 1 999 21 32
+43 2622 71853 (at OE3REB).
Fax: +43 1 999 21 33
E-mail: oevsv@oevsv.at
Paġna: www.oevsv.at
President: Michael Zwingl, OE3MZC
Viċi-Presidenti: Norbert Amann, OE9NAI, Gerhard Seitz, OE1HSS
IARU liaison: President

PZK POLSKI ZWIAZEK KROTKOFALOWCOW
PO Box 54, 85-613 Bydgoszcz 13 Poland.
Lokazzjoni Bydgoszcz, ul. Modrzewiowa 25
Telephone: +48 52 372 1615
Fax: +48 52 372 1615
E-mail: hqpzk@pzk.org.pl
Paġna: www.pzk.org.pl
President: Piotr Skrzypczak SP2JMR
Viċi-President: Wojciech Szeliga, SP9P
sp9p@joker.com.pl

Viċi-President: Ewa Kolodziejska, SP1LOS
Segretarju: Bogdan Machowiak, SP3IQ
sp3iq@pzk.org.pl
IARU liaison: Wieslaw Wysocki, SP2DX
sp2dx@chello.pl

QARS QATAR AMATEUR RADIO SOCIETY
82 Suhaim Bin Hamad Rd, PO Box 22122, Doha, Qatar.
Telephone: +974 4 477 911
Fax: +974 4 477 955
Paġna: http://www.qsl.net/a71a
President: H.E. Abdullah bin Hamad Al-Attiyah, A71AU
Viċi President: Dr Ahmed Hamad Al-Muhannadi
Segretarju & IARU Liaison: Saba'an Musmar Al-Jassim A71BP

RAAG RADIO AMATEUR ASSOCIATION OF GREECE
P.O.Box 3564, GR-10210 Athens, GREECE
(Location: 60 Achileos St. – 3rd Floor, Athens)
Tel: +30 (210) 522 6516 <HQ>, +30 (210) 923 5210 <SV1IW>
+30 (210) 285 1434 <SV1RL>
Fax: +30 (210) 522 6505 <HQ>
Email: raag@raag.org <HQ>, sv1iw@raag.org <SV1IW>, sv1rl@raag.org <SV1RL>
Paġna: http://www.raag.org
President : Manos Darkadakis, SV1IW
Segretarju: Dimitri Ramantzas, SV1AMY
IARU liaison: Dimitri Tzelatidis, SV1RL

RAL ASSOCIATION DES RADIO AMATEURS LIBANAIS
P.O.Box 11-8888 Beirut, LEBANON
Telephone: +961 482 0717
Fax: +961 482 1118
E-mail: ral@ral.org.lb
Web: http://www.ral.org.lb
President: Francois Zouien OD5PL
Viċi-President: Jean-Jacques Chidiac, OD5KH
Segretarju: Hani Kaldawi, OD5QA
IARU liaison: Rizkallah Azrak, OD5RI, PO Box 22, Baabdat, Libanu
Telephone: +961 482 0717
Fax: +961 482 1118

REF REF-UNION FRANCAISE DES RADIOAMATEURS
BP 7429, 37074 Tours Cedex 2, France.
Lokazzjoni: 32 Rue de Suede, F-37100, Tours
Telephone: +33 4741 8873
Fax: +33 4741 8888
E-mail: ref@ref-union.org
Paġna: http://www.ref-union.org
President: Jean Dumur, F5GZJ
Segretarju: Roger Lucas, F5MBK
IARU liaison: Betty Magnin, F6IOC
f6ioc@ref-union.org

REP REDE DOS EMISSORES PORTUGUESES
Rua D. Pedro V nº 7-4º
P-1250-092 Lisboa
PORTUGALL
Telephone: +351 21 346 1186
Fax: +351 21 342 0448
E-mail: rep@rep.pt
Paġna: http://www.rep/
President: Nelson Soromenho, CT1KT
Segretarju: Henrique Pessoa, CT1HX
IARU Liason: Segretarju

RJARS ROYAL JORDANIAN RADIO AMATEURS SOCIETY
P.O. Box 2353 Amman 11181, Jordan
Telephone: +962 6 666 235
Fax: +962 6 814 566
President: L-Altezza Rjali Tiegħu l-Prinċep Raad bin Zeid, JY2RZ
Segretarju: Mohammad Belbeisi, JY4MB
IARU liaison: Segretarju

RL RESEAU LUXEMBOURGEOIS DES AMATEURS D'ONDES COURTES
26 rue du Moulin, L-4998, Sprinkange, Lussemburgu
Telephone: +352 365122
Fax: +352 511133
E-mail: lx1kj@rlx.lu
Paġna: http://www.rlx.lu
President: Armand Erpelding, LX1MA
Viċi-President & Segretarju: Josy Kirsch jnr, LX1KJ,
IARU liaison: Josy Kirsch jnr, LX1KJ

ROARS ROYAL OMANI AMATEUR RADIO SOCIETY
P.O. Box 981 Muscat, Kodiċi Postali 113, Sultanat ta' Oman.
Telephone: +968 600407 at HQ.
Fax: +968 698558 at HQ
E-mail: roars@omantel.net.om
Chairman: H E Malik Suleiman al Mamari
IARU liaison: General A. Razak Al Shahwarzi, A41JT.
PO Box 933, Postal Code 121, Seeb.
Tel: +968 537777. Mobile +968 9341111

Segretarju: A. Razak Al-Shahwarzi, A41JT

RSGB RADIO SOCIETY OF GREAT BRITAIN
Lambda House,Cranborne Road, Potters Bar, Herts. EN6 3JE, England
Telephone: +44 1707 659015 at HQ
Fax: +44 1707 645105
President: Dr R C Whelan, G3PJT
Segretarju: Peter Kirby, G0TWW
E-mail: gm.dept@rsgb.org.uk
Paġna: http://www.rsgb.org
IARU liaison: Segretarju

RSM RADIOAMATERSKI SOJUZ NA MAKEDONIJA
Gradski Zid Blok V, P.O.Box 14, 1000 Skopje, Republika tal-Maċedonja.
Telephone: +389 2 237 371
Fax: +389 2 238 257 (Mark "za RSM")
E-mail: bosto@mt.net.mk
Paġna: http://www.qsl.net/z30rsm
President: Boro Stojkoski, Z32DB
Segretarju: Ivo Angelovski, Z32IO
IARU liaison: Oliver Tabakovski, Z32TO
z32to@yahoo.com

RSS RADIO SOCIETY OF SWAZILAND
P.O0.Box 3744, Manzini, Swaziland.
Telephone: +268 62048
Telefax: +268 52022
E-mail: long@farmchem.co.sz
Segretarju: Sue Long, 3DA1AL
IARU liaison: Willy Long, 3DA0BD, PO Box 1554,
Manzini, Swaziland.

RSTG RADIO SOCIETY OF GAMBIA
Korrispondenza kollha lil: Jean Michel Voinot, C53GB, P.M.B 120, Banjul, The Gambia.

RSZ RADIO SOCIETY OF ZAMBIA
P O Box 20332, Kitwe.
Telephone: +260 2 227627
Fax: +260 2 226219 (Attenzjoni F.Bunce)
E-mail: fbunce@zamnet.zm
Chairman: Chris Cotton, 9J2CP
Segretarju: Fred Bunce, 9J2FB
IARU liaison: Brian Otter, 9J2BO, PO Box 34554, Lusaka, Zambia.

SARA SLOVAK AMATEUR RADIO ASSOCIATION
Wolkrova 4, 851 01 Bratislava, Slovakia.
Telephone: +421 2 6224 7501
Fax: +421 2 6224 6926
E-mail: sara@ba.sknet.sk
Paġna: http://www.hamradio.sk
President: Tony Mraz, OM3LU
Viċi-President: Kurt Kawasch, OM8AA
Segretarju: Roman Kudlac, OM3EI
IARU liaison: President, Tel: +421 34 772 3093
Fax: +421 2 434 4847 om3lu@pobox.sk

SARL SOUTH AFRICAN RADIO LEAGUE
PO Box 1721, Strubessvallei 1735
Afrika tan-Nofs in-Nhar
Telephone: + 27 11 675 2393
Fax: +27 11 675 2793
E-mail: admin@sarl.org.za
Paġna: http://sarl.org.za
President: Graham Hartlett, ZS6GJH
Amministratur ta' l-Uffiċċju: Debbie Bovey
IARU Liaison: Hans van de Groenendaal
E-mail: hans@intekom.co.za

SLARS SIERRA LEONE AMATEUR RADIO SOCIETY
P.O. Box 10, Freetown.
Telephone: +232 223335
President: Cassandra Davies, 9L1YL
Segretarju: William Sawyer, 9L1WS
IARU liaison: Alfred Koroma, 9L1AK

SRAL SUOMEN RADIOAMATOORILIITTO ry
P.O. Box 44, FIN-00441 HELSINKI, Finlandja
Lokazzjoni: Kaupinmaenpolku 9, FIN-00440, HELSINKI
Telephone: +358 9 562 5973/4
Fax: +358 9 562 3987
E-mail: hq@sral.fi
Paġna: http://www.sral.fi
Chairman: Pasi Bergman, OH3WS
Segretarju: Jukka Heikinheimo, OH2BR
IARU liaison: Tappa Nisula, OH5BM
oh5bm@sral.fi

SRR SOYUZ RADIOLYUBITELEI ROSSII
P.O.Box 88, Moscow 119311, Federazzjoni Russa.
Telephone: +7 95 485 4755
Fax: +7 95 485 4981
E-mail: hqsrr@east.ru
President: Roman R Thomas RZ3AA
thomas@online.run
Segretarju: Yuri B Malyuk RA4AR
ra4ar@interdacom.ru

SRSCG SAVEZ RADIO-AMATERA
SRBIJE I CRNE GORE
P.O.Box 48, YU-11001 Beograd,
Serbja u Montenegro
Lokazzjoni: Trg Republike 3/VI.
Telephone/Fax: +381 11 634437
E-mail: yu0srj@eunet.yu
President: Hranislav Milsevic, YT1AD
Segretarju: Srecko Moric, YU1DX
IARU liaison: President
Tel: +381 11 139852. Fax: +381 11 146464
E-mail: yt1ad@eunet.yu

SSA FORENINGEN SVERIGES
SANDAREAMATORER
Lokazzjoni: Postal address: Turebergs Alle
2, Sollentuna
P.O. Box 45, SE-19121 Sollentuna, Svezja
Telephone: +46 8 585 70273
Fax: +46 8 585 702 74
Email: hq@svessa.se
Paġna: http://www.ssa.se
President: Goran Eriksson SM5XW
sm5xw@ssa.se
Istitur ta' l-Uffiċċju: Cristina Spitzinger.
Borje Carisson SM0EYT
IARU liaison: President

TARC TANZANIA AMATEUR RADIO
CLUB
P.O.Box 2859, Dar es Salaam, Tanzania.
E-mail: tanzaniaarc@dit.ac.tz
Telephone: +255 22 2153200 ext 252
Fax: +255 22 215504
Chairman: John N Makamba 5H3JMN
Segretarju Ġenerali: Osmund Kipengele
5H3OKN

TARL TAJIKSTAN AMATEUR RADIO
LEAGUE
P.O.Box 203, Glavpochtamt, 734025
Dushanbe, Taġikstan.
Telephone: +992 372 212 844
Fax: +992 372 212 847
E-mail: tarl@qsl.net
Web: http://www.qsl.net/tarl
President Masud M Tursoon-Zadeh, EY8AA
Segretarju & IARU liaison: Nodir
M.Tursoon-Zadeh, EY8MM

TIR TECHNICAL INSTITUTE OF RADIO
P.O. Box 245, Damascus, Syria.
President: Dr. Omar Shabsigh, YK1AO
Viċi-President: Michel Sioufi, YK1AN
Segretarju: Hikmat Zudhi, YK1AM.
IARU liaison: Dr Omar Shabsigh, YK1A0
Email: shabs.om@scs-net.org
Web: www.qsl.net/tir/Home.htm
Tel: +963 11 231 8796
Fax: +963 11 311 4540

TRAC TELSIZ RADYO AMATORLERI
CEMIYETI,
P.O. Box 699 Karakoy, 80005 Istanbul,
Turkija
Telephone: +90 532 376 5707
Fax: +90 212 263 2606
Email: hq@trac.org.tr
Web: http://www.trac.org.tr
President: Aziz Sasa, TA1E
Segretarju: Muhsin Bozkurt, TA4E
IARU Liaison, Segretarju

UARL UKRAINIAN AMATEUR RADIO
LEAGUE
PO Box 56 Kiev-1, 01001, Ukraine
Telephone: +380 44 457 0972
Fax: +380 44 457 7195
E-mail: ut2ub@ham.kiev.ua
Web: http://www.uarl.com.ua
President: Andrey Lyakin, UT2UB
Segretarju: Vladimir Vakatov, UT1WA
IARU liaison: President

UARS UGANDA AMATEUR RADIO
SOCIETY
P.O.Box 22761, Kampala, Uganda.
Segretarju: Jeffrey W Demarest, 5X1WJ

UBA KONINKLIJKE UNIE VAN DE
BELGISCHE ZENDAMATEURS
UNION ROYALE BELGE DES
AMATEURS-EMETTEURS
KOENIGLICHE UNION DER
BELGISCHEN FUNKAMATEURE
Rue de la Presse 4, B-1000 Brussels, Belġju
Paġna: www.uba.be
President: John Devoldere, ON4UN,
john.devoldere@pnadora.be
Viċi Presidenti: Jean Claude Renard,
ON5TH, on5th@teledisnet.be
Rik Strobbe, ON7YD,
rik.strobe@fys.kuleuven.ac.be
Segretarji: Jacques Verleyen, ON4AVJ,
jacques.verleijen@adalvas.be
Jacques Debouche, ON5OO,
on5oo@itcee.be
IARU liaison: ON5OO, on5oo@itcee.be
Poelstraat 215
B9820 Merelbeke
Belġju
Tel: +32 9 362 64 55

URA UNIO DE RADIOAFICIONATS
ANDORRANS
P.O. Box 1150, Andorra, Prinċipalita` ta'
Andorra.
Telephone: +376 825380

Fax: +376 825380
E-mail: ura@andorra.ad
Paġna: http://www.ura.ad
President: Joan Saure, C31US
Viċi-President: Ramon Pera, C31PR
Segretarju: Josep Casal, C31LU
IARU liaison: Joan Saurí C31US
saurijm@andorra.ad

URE UNION DE RADIOAFICIONADOS ESPANOLES
P.O. Box 220, 28080 Madrid.
Lokazzjoni: Monte Igueldo 102, 28053 Madrid.
Telephone: +34 91 4771413
Fax: +34 91 4772071
E-mail: ure@ure.es
Paġna: http://www.ure.es
President: Angel Padin, EA1QF
Viċi-President: Diego Trujillo, EA7MK
Segretarju: Jose Diaz, EA4BPJ
IARU liaison: Segretarju

USKA UNION SCHWEIZERISCHER KURZWELLEN-AMATEURE
PO Box 166, CH-9469 Haag, Svizzera
Telephone: +41 81 740 36 61
Fax: +41 81 740 36 66
E-mail: sekr@uska.ch
Paġna: www.uska.ch
President: Fred Tinner, HB9AAQ
IARU liaison: Willy Rusch HB9AHL
Bahnhofstrasse 26, CH-5000, Aarau
Tel: +41 62 822 06 29
Fax: +41 62 823 46 23 (home)

VERON VERENIGING VOOR EXPERIMENTEEL RADIO ONDERZOEK IN NEDERLAND.
Schepenlaan 306, 4336 AP Middelburg, Olanda
Telephone: +31 118 636388
President: Frank E van Dijk
1st Viċi President: Hans Blondeel Timmerman, PB2T
Segretarju: Jan Hoek, PA0JNH
pa0jnh@cs.com
Paġna: http://www.veron.nl
IARU liaison: Hans Blondeel Timmerman, PB2T, Nieuwe Weg 21,
4031 MN Ingen,
Tel: +31 344 604 107 E-mail:
pb2t@amsat.org

ZARS ZIMBABWE AMATEUR RADIO SOCIETY
President: Dudley Kaye-Eddie, Z22JE, 9 Patrick John Road, Chisipite, Harare
Tel: +263 4 882508
Viċi-President: Des Sharp, Z21GH
dsharp@ecoweb.co.zw Tel: +263 4 572212
Segretarju & IARU liaison: Eric Christer, Z21FO, 8 Silwood Close, Chisipite, Harare, christer@zol.co.zw

ZRS ZVEZA RADIOAMATERJEV SLOVENIJE
Lepi pot 6, SI-1000 Ljubljana, Slovenia
Telephone: +386 1 2522 459
Fax: +386 1 4220 422
E-mail: zrs-hq@hamradio.si
Paġna: http://www.hamradio.si
President: Ivan Batagelj, S54A, kuntatt via ZRS HQ
Segretarju: Drago Grabensek, S59AR
E-mail: s59ar@hamradio.si

Lawrence 9H1AV/9H9MHR

## Għerf

**Tħallix lil moħħok jiġġerra - - huwa żgħir wisq biex jitħalla joħroġ waħdu.**

**Minn fuq QRZ.com**
**Wara Nofsinhar, n.: Dik il-parti tal-jum li aħna ngħaddu nitħassbu dwar kif ħlejna filgħodu.**

## Attivitajiet fil-MARL

**Miżata tas-Sħubija**
**Il-ħlas għas-sħubija għas-sena 2006 beda. Is-Segretarju Finanzjarju ikun qiegħed jistennikom biex iddaħħlu idejkom fil-but fil-fond ħalli tħallsu l-miżata tas-sħubija tagħkom.**

**Ftakru li jekk ma tkunux ħallastu qabel il-laqgħa ma tkunux tistgħu tivvutaw fil-Laqgħa Ġenerali Annwali jekk ikun hemm ħtieġa ta' xi votazzjoni.**

**Laqgħa Ġenerali Annwali**
**Il-Kumitat jixtieq ifakkarkom wkoll li l-Laqgħa Ġenerali Annwali se tinżamm nhar il-Ħadd 26 ta' Frar 2006.**

**Narawkom.**